KUNSILL REGJONALI PORT | PORT REGIONAL COUNCIL

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

Laqgħa Reġjun Port - Nu 03/2022 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: L-Erbgħa, 9 ta' Marzu 2022

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:30

Post: Microsoft Teams

| | | | |
|---|---|---|---|
| Chev Paul Farrugia | President | Reġjun Port | Preżenti |
| Sra Alison Zerafa | Sindku | Kunsill Lokali Bormla | Assenti |
| Sur John Boxall | Sindku | Kunsill Lokali Birgu | Assenti |
| Sur Pierre Dalli | Sindku | Kunsill Lokali Fgura | Skużat |
| Sur Vincent Borg | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Floriana | Preżenti |
| Sur Clive Pulis | Sindku | Kunsill Lokali Isla | Preżenti |
| Sur Wayne Aquilina | Sindku | Kunsill Lokali Kalkara | Preżenti |
| Sur Neville Camilleri | Kunsillier | Kunsill Lokali Paola | Preżenti |
| Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Kunsill Lokali Tarxien | Assenti |
| Sur Ray Azzaopardi | Viċi Sindku | Kunsill Lokali Valletta | Preżenti |
| Sur Neil Attard | Sindku | Kunsill Lokali Xgħajra | Preżenti |
| Sur Jorge Grech | Sindku | Kunsill Lokali Zabbar | Assenti |
| Sa Lianne Cassar | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv | Reġjun Port | Preżenti |

**3.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

3.1.1 Il-President informa li s-Sur Piere Dalli, kien informa li minħabba impennji personali ma setax ikun preżenti, għaldaqstant talab li jkun skużat. Il-President informa li ma kienx ġie infurmat mill-Membri l-oħra rigward jekk kienux ser jattendu għall-laqgħa.

3.1.2 Fuq proposta tal-President, il-Membri laqgħu t-talba tal-President u għaldaqstant is-Sur Dalli ġie mniżżel bħala skużat u l-Membri l-oħrajn tniżlu bħala assenti.

**3.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.2**

3.2.1 Il-Presidenti preżenta l-minuti hekk kif preżentati mill-Aġent Deutat Segretarju Eżekuttiv.

3.2.2 Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Vince Borg, il-kumitatt approva il-minuti hekk kif preżentati.

**3.3 Punti maħruġa mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **3.3.1 Reach Out Centre** | Il-President semma li f' dan ir-rigward kollox għadu kif kien. Semma wkoll li l-proċess għadu 'l bogħod u jaħseb li tajjeb li wieħed jevalwa s-sitwazzjoni u jara għandux ir-Reġjun imur lilhinn minn din l-idea. |
| **3.3.2 Webiste Reġjun Xlokk** | Il-President semma li l-Uffiċjal tal-ICT għaddej b' diskussjonijiet mal-kuntrattur biex forsi dan il-proġett ikun jista' jiġi konkluż. |
| **3.3.3 Accountant u Book keeping tar-Reġjun** | Il-President semma li l-Accountant kif ukoll is-servizz ta' book keeping kien għaddej tajjeb. |
| **3.3.4 Kontijiet bankarji Reġjun Port** | Il-President semma li l-proċess mal-APS kien mixi wkoll. Kien fadal l-aħħar ftit dokumenti li għaddew lill-bank ukoll. Semma li ladarba l-kontijiet ikunu miftuħa jsiru l-arranġamenti mal-BOV sabiex issir it-trasferiment tal-flus. Għaldaqstant fuq proposta tal-Preisdent, il-Kumitatt approva li r-Reġjun għandu jipproċedi kif propost. |
| **3.3.5 Interim Audit** | Il-President semma li dan kien għaddej għaldaqstant id-Direttiva maħruġa mid-Diviżjoni fil-konfront tar-Reġjun sabiex ma jidħolx fl-ebda committment finanzjaru kienet għada tapplika. |
| **3.3.6 Ħaddiema RSSL** | Il-President semma li Kunsilli Lokali li għandhom bżonn is-servizz tal-ħaddiema tal-RSSL assenjati mar-Reġjun jistgħu jagħmlu rikjesta lir-Reġjun sabiex jutilizzaw dan is-servizz minn Ġunju 'l quddiem peress li x-xhur l-oħra diġa ġew assenjati. |
| **3.3.7 Fondazzjoni Soċjali Reġjun Port** | Il-President semma li minkejja li intbgħatet komunikazzjoni lid-Diviżjoni għall-approvazzjoni ta' dan il-proġett, id-Direttur Ġenerali baqa' ma tax risposta ċara. |
| **3.3.8 Emblema Reġjun Port** | Il-President semma li kienet għaddejja korrispondenza bejn id-Diviżjoni u l-Espert Eraldiku fejn, id-Diviżjoni qisha qed tkun konservattiva u ma tridx bidliet drastiċi mill-emblemi eżistent kif ukoll l-Espert Eraldiku qiegħed ikun f' pożizzjoni li dak li qed jiġi ssuġġeriet mid-Diviżjoni semma li qed imur kontra r-regoli eraldiċi. |
| **3.3.9 Intervisti għall-post vakant Skala 11 u Segretarju Eżekuttiv skala 7** | Il-President informa li għalissa mhux ser ikompli l-proċess ta' reklutaġġ ta' Uffiċjali Reġjonali dan minħabba li d-Diviżjoni għadha ma tatx direzzjoni jekk hux ser ikun hemm allokazzjoni mid-Diviżjoni sabiex is-salarji ta' dawn l-Uffiċjali għas-sentejn li ġejjin jitħallsu minn fondi tad-Diviżjoni. |

Filwaqt li minħabba direttivi maħruġa mill-OPM rigward reklutaġġ minħabba li tħabbret l-Elezzjoni Ġenerali għalissa l-proċessi kollha ta' reklutaġġ fosthom dik ta' Skala 11 u tas-Segretarju Eżekuttiv ser ikunu qed jiġu mwaqqfa milli jkompli l-proċess.

**3.3.10 Tribunal Lokali**

Il-President semma li wara li kien hemm laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun, flimkien mal-Avukat tar-Reġjun ġie mfassal qafas ta' kuntratt għal sitt xhur li għandu jiġi ffirmat fil-ġimgħat li ġejjin.

**3.3.11 Ħaddiema Air Malta**

Il-President semma li d-diskussjonijiet kienu għaddejjin sabiex il-Kunsilli jkunu jistgħu jibbenifikaw minn dawn il-ħaddiema.

**3.3.12 Korispondenza anonima li rċieva l-President**

Il-President semma li kif kien qal fil-Laqgħa ta' qabel, huwa kien għadda l-korrispondenza lill-avukat.

**3.3.13 Performance Bonus**

Il-President semma li is-Sa. Galea kienet għadha ma ffirmatx il-Performance Appraisal report, għaldaqstant dan il-ħlas kien għadu pendenti.

**3.3.14 Rapporti Finanzjarji**

Il-President semma li r-Rapporti Finanzjarji li ġew approvati fl-aħħar laqgħa kienu intbgħatu kollha.

**3.3.15 Board Members – Belt Kapitali Ewropea 2010**

Il-President semma li din il-lista kienet intbgħatet lid-Diviżjoni sabiex jigwidaw lir-Reġjun fuq il-proċess li jrid jadotta sabiex dan il-Board jiġi approvat mill-Parlament. Il-President semma li kien għadu qed jistenna lid-Diviżjoni b' risposta.

3.3.16 Is-Sur Neville Camilleri daħal għal-laqgħa għall-ħabta ta' 17:57

**3.3.17 Bid Book**

Il-President semma li wara diversi laqgħat li saru mill-Uffiċjal tal-Kultura flimkien mal-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Valletta Cultural Agency flimkien ma diversi entitajiet oħrajn, kien indikat li l-Bid Book ġej jiswa mijiet ta' eluf. Għaldaqstant, ir-Reġjun talab laqgħa mad-Diviżjoni sabiex wieħed jiddiskuti l-andament u l-finanzjament ta' dan il-proġett. Minkejja dan il-President semma li d-Diviżjoni ma ġietx lura b' data għal laqgħa.

**3.3.18 Fondi LESA – Xiri ta' vetturi elettriċi**

Il-President semma li kien ser jiġi preparat it-tender sabiex ikun jista' jitella' fuq is-sistema tal-Epps sabiex jinxtraw żewġ vetturi elettriċi. Il-

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

President semma li rigward ix-xufiera ser ikun qed jara mal-RSSL kif jista' jutilizza ħaddiema mill-iskema sabiex isuqu dawn il-vannijiet.

**3.3.19 Wine Festival**

Il-President semma li għalissa din l-inizjattiva ma tistax tipprogressa minħabba Direttiva maħruġa mid-Diviżjoni fuq infieq mir-Reġjun.

**3.3.20 Skemi maħruġa mir-Reġjun**

Il-President semma li qed jipprepara kollox mal-Uffiċjali Reġjonali sabiex ladarba r-restrizzjonijiet imposti fuq ir-Reġjun jitneħħew, ir-Reġjun ikun jista' jkompli joħroġ l-iskemi għall-Kunsilli Lokali fi ħdanu.

### 3.4 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 03/2022

3.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn mis-Sur Vincent Borg u s-Sur Ray Azzopardi ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-24 ta' Frar 2022 u d-9 ta' Marzu 2022 li kienet tammonta għall-€26,510.13.

3.4.2 Il-President semma li wara approvazzjoni li kien hemm mid-Direttur Ġenerali, ir-Reġjun qed juża l-kontijiet bankarji tar-Reġjun Xlokk sabiex jagħmel dawn il-pagamenti.

### 3.5 Komunikazzjoni oħra mill-President

3.5.1 Il-President semma li d-Dipartiment kien bagħat komunikazzjoni li nhar is-7 t' April, id-Direttorat fi ħdan id-Diviżjoni kien ser jagħmel laqgħa mal-Presidenti u Segretarji Eżekuttivi tar-Reġjuni fuq l-obbligu li r-Reġjun jagħmel Social Impact Assessment.

3.5.2 Il-President semma li flimkien mal-Aġent Deputat Segretarju eżekuttiv talab li jkun hemm workings sabiex fuq livell maniġerjali, ir-Reġjun ikun jaf x' cashflow ser ikollu minħabba li kien hemm żieda fl-impjegati u tnaqqis fl-allokazzjoni mogħtija lir-Reġjuni. Il-President preżenta l-figuri li jinstabu aktar l-isfel u li huma estimi għas-sena 2023. Il-President irrimarka li wara li r-Reġjun ser iħallas s-salarji u spejjeż oħra amministrattivi ser jibqgħalu biss cashflow ta' €137,560 sabiex jimplimenta proġetti.

97, St. Mary's Street, Tarxien | E-Mail: regjun-port.dlg@gov.mt | Tel: 27040492

| | |
|---|---|
| Salaries & Honoraria | **321,264.37** |
| Expenses (based on Q4 year 2021) | |
| operations and maintenance (less schemes) | 48,646.00 |
| administration | 54,635.00 |
| Total - Operations, Maintenance, admin) | 103,281.00 |
| Total Expenses | **424,545.37** |
| 5% increase | **21,227.27** |
| Estimated Expenses | 445,772.64 |
| Allocation | 583,333.00 |
| **Funds Available** | **137,560.36** |

3.5.4 Il-President semma li hemm daqsxejn problemi bil-ħaddiema assenjati mat-Tribunal u li huma mislufin mid-Diviżjoni. Dan minħabba li peress li huma mislufin ir-Reġjun la għandu kontroll tagħhom fuq leave, sick u saħansitra overtime li jittieħed minn dawn il-ħaddiema.

**2.6 Aġġornament**

2.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa, 20 t' April 2022 fil-17:30 permezz ta' Microsoft Teams.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv